# 48. Bejtiet

April; minn ġewwa l-bejta
l-ekra ttajjar il-frieħ,
u tieħu gost tarahom
itiru ma' kull riħ;

Kull ferħ itir isaffar,
b'għanjietu jhenni l-wied,
isebbaħ l-art bi lwienu,
jeqred id-dud qerried.

Settembru; x-xewka ttajjar
minn qalbha ż-żrieragħ żgħar
bħal qabda sulfarelli
li jtiru mill-fuklar,

U tieħu gost tarahom
sejrin bil-parachute,
jixterrdu mal-għelieqi
mal-wied u mal-ixtut.

U kull żerriegħa xxewwek
fl-għelieqi u ġewwa l-wied
u kif jaqbeż mid-dgħajsa
tisloħ sieq is-sajjied.